



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża T-347/14

Olga Stanislavivna Yanukovych, bħala eredi ta' Viktor Viktorovych Yanukovych
vs
Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

“Rikors għal annullament — Politika estera u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina — Iffriżar ta' fondi — Lista tal-persuni, entitajiet u korpi li għalihom japplika l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi — Inklużjoni ta' isem ir-rikorrent — Adattament tat-talbiet — Mewt tar-rikorrent — Inammissibbiltà — Prova tal-fondatezza tal-inklużjoni fil-lista — Rikors manifestament fondat”

Sommarju – Digriet tal-Qorti Ġenerali (Id-Disa' Awla) tat-12 ta' Lulju 2016

1. *L-Unjoni Ewropea — Stħarriġ ġudizzjarju tal-legalità tal-atti tal-istituzzjonijiet — Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina — Portata tal-istħarriġ — Prova tal-fondatezza tal-miżura — Obbligu li l-awtorità kompetenti tal-Unjoni tistabbilixxi, fil-każ ta' kontestazzjoni, il-fondatezza tal-motivi invokati kontra l-persuni jew l-entitajiet ikkonċernati*

(Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 47; Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/119/PESK; Regolament tal-Kunsill Nru 208/2014)

2. *Rikors għal annullament — Ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Unjoni — Mewt ta' persuna fiżika destinatarja ta' deċiżjoni ta' istituzzjoni tal-Unjoni — Azzjoni għal annullament li tista' titkompli mill-aventi kawża universali*

(Artikolu 263 TFUE)

3. *Rikors għal annullament — Interess ġuridiku — Rikors ippreżzentat kontra att li jimponi miżuri restrittivi fir-rigward tar-rikorrent — Tħassir tal-att fil-mori tal-kawża — Dikjarazzjoni li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni — Inammissibbiltà — Żamma tal-interess tar-rikorrent li jikseb ir-rikonoxximent tal-illegalità tal-att ikkontestat*

(Artikolu 263 TFUE)

4. *Proċedura ġudizzjarja — Talbiet tar-rikors — Adattament fil-mori tal-kawża — Assimilazzjoni mat-tressiq ta' kawża permezz ta' rikors — Ammissibbiltà — Evalwazzjoni b'riferiment għas-sitwazzjoni fil-mument tal-preżentata tan-nota għal adattament — Nota ppreżentata wara l-mewt tar-rikorrent — Inammissibbiltà*

1. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara 1-punti 48, 57, 58)

2. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 67)

3. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 68-71)

4. L-ammissibbiltà ta' rikors għandha tiġi evalwata b'riferiment għas-sitwazzjoni fil-mument tal-preżentata tar-rikors. Jekk, f'dak il-mument, il-kundizzjonijiet għall-preżentata tar-rikors ma jkunux issodisfatti, allura dan ikun inammissibbli. Tali kunsiderazzjonijiet huma trasponibbi għas-sitwazzjoni jiet fejn rikorrent jitlob, permezz ta' nota ta' adattament, l-annullament ta' att ġdid, li jissostitwixxi jew jemenda att li għandu l-istess suġġett u li fir-rigward tiegħu digħi tressqet talba għal-annullament.

Fil-fatt, l-adattament ta' rikors imwettaq permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-mori tal-kawża jikkostitwixxi att proċedurali li, bla īxsara għal-deċiżjoni ulterjuri tal-Qorti Ġenerali dwar l-ammissibbiltà, huwa ekwivalenti għat-tressiq ta' kawża permezz ta' rikors.

Konsegwentement, nota ta' adattament ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali, mir-rappreżentant tar-rikorrent, f'data wara l-mewt ta' dan tal-aħħar, għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli.

(ara l-punti 80, 82-84, 89)